MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2215/2003

**Carmelo Caruana**

**vs**

**Mark Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120 rappresentanti bilanc ta' prezz dovut lill-attur mill-konvenut ghall-kiri tal-"Gondolier Hall", Gudja Road, Tarxien fil-21 ta' Settembru 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja datata 26 ta' Settembru 2003 kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------